MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 226/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Denise Gialanze'**

**Illum 25 ta' April, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Denise Gialanze' ta' 19 –il sena, bint Alfred u Lorenza nee' Bonello imwielda' Pieta' fil-18 ta' Dicembru 1988 residenti

Nru. 2 Flat 1 Blk 16 E Triq il-Gendus Bormla detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 577788M.

Billi hija akkuzata talli fit-25 ta’ Frat 2008 ghal habta ta’ xi 11.30 am waqt li kienet fi Vjal il-Cottoner kantuniera ma Triq Bromla, Fgura,

a) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti filwaqt li kienet qieghda ssuq u/jew kellha l-kontroll tal-vettura bin- nru. ABG 935 ta’ ghamla Volkswagen Polo, ikkagunat offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carmen Flores minn Haz-Zabbar skond ma ccertifika Dr. J. Zammit tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu, 226 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Bil-konsegwenzi a tenur tal-artikolu 226 1 (d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

b) Talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi saqet l-istess vettura b’manjiera traskurata.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputata Denise Gialanze’ m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata, fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Denise Gialanze', fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputata u l-eta' tenera tal-imputata, tillibera lill-imputata Denise Gialanze' taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputata Denise Gialanze' ghall-piena ta' mija u sittax Euro u seba' u erbghin centezmi ta' Euro (Euro 116.47) multa ewkivalenti ghall-hamsin Liri Maltin (Lm50).

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputata Denise Gialanze' milli jkollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar (1) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Denise Gialanze' l-ispjegazzjoni preskrita fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------